24 ta' April, 1951
Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
**Lorenzo Said ne. *versus* Grazia Bondin**

**Mara Kummerċjanta — Liċenza.**

*Il-mara li tgħin lil żewġha fin-negozju tiegħu ma hix teżerċita l-merkatura; u l-atti li hija tagħmel f'dik l-assistenza huma atti mhux tagħha, imma atti tar-raġel, li huma kompjuti minnu permezz ta' martu.*

*Huwa divers il-każ fejn il-liċenza tan-negozju hija fl-isem tal-mara; għax l-intestatura tal-liċenza, jew permess, in linea ta' massima, meta l-liċenza hija għan-nom tal-mara, tikkostitwixxi lill-mara publika merkantessa.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenuta tiġi kundannata li tħallas is-somma ta' £25. 3. 3, bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' oġġetti tal "grocery", konsistenti f'basal, tadam, laring, u kwalitajiet ta' frott ieħor, lilha mibjugħa u konsenjati f'diversi partiti, skond id-dok. A. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-11 ta' Novembru 1950, kontra l-konvenuta mħarrka għas-subizzjoni;

Rat fil-fol. 8 in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li biha din qalet li hija ma hijiex publika merkantessa u n-negozju hu ta' żewġha, u għalhekk titlob li tiġi liberata "ab observantia", bl-ispejjeż;

Trattata l-kawża, ikkunsidrat;

Mill-provi deher illi l-konvenuta ma tagħmelx ħlief tgħin lil żewġha fil-ħanut tal-merċa li dan għandu ż-Żejtun. Il-permessi kienu u għadhom fuq żewġha. Kif osserva l-Imħallef Dr. Paolo Vella sedenti f'din il-Qorti, fil-kawża "Ellul vs. Bohm", 3 ta' Ġunju 1884, "una assistenza al marito, sia stando in bottega in sua assenza per infermità, sia, per ordine suo, facendo pagamenti, non importa l'esercizio della mercatura. Difatti l'esercizio della mercatura suppone atti di commercio abituali, come acquisto di derrate e mercanzie per rivendere, speculazioni, e simili; onde non si reputa la donna esercitare la mercatura quando altro non facesse che vendere al minuto le merci di suo marito. E allorchè smercia qualche merce, o fa qualche atto che

suo marito è abituato a lasciarla fare, non si *considera contrattare* ella, ma bensì suo marito per mezzo di lei''—dan fuq l-awtorità tad-Delvincourt ċitat fis-sentenza (ara wkoll fl-istess sens ''Gauci vs. Sammut'', Prim'Awla 2 ta' Mejju 1935, konfer*mata* fl-*Appell* 31. 5. '35) ;

Kien ikun divers il-każ kieku l-liċenza jew permess kienu intestati għan-nom tal-konvenuta; għaliex l-intestatura tal-liċenza, in *linea* ta' *massima*, *meta hi* għan-nom tal-mara, tikkostitwiha publika merkantessa (Kollez. XXII, parti III, paġ. 72);

Għalhekk il-konvenuta ma hix publika merkantessa. L-attur għamel riferenza għall-att'jiet tal-kawża msemmi'ja fil-*fol*. 9. iżda b'daqshekk ma ġie pruvat xejn; għaliex f'dik il-kawża l-pont ma ġiex lanqas biss diskuss;

Kwindi l-konvenuta ma kkuntrattat ebda obligazzjoni, salvi d-*drittijiet* ta' l-attur kontra ħadd ieħor, "si et quatenus";

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi teskludi l-istanza; bl-ispejjeż kontra l-attur.